**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 27 ta' Gunju 2018**

Numru 1

**Appell Nru. 13/2015**

**James Buhagiar**

**vs**

**Jani Limited**

**Il-Qorti,**

Ir-ritrattand James Buhagiar permezz ta' rikors ta' ritrattazzjoni prezentat fit-22 ta' Marzu 2018 talab it-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-26 ta' Jannar 2018 moghtija wara decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-24 ta' April 2015 billi hass li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tippekka ai termini tal-artikolu 811(e), (f), (g) u (i) tal-Kap. 12;

Rat ir-risposta tas-socjeta Jani Company Limited li opponiet ghal din it-talba billi r-ragunijiet imsemmija mir-ritrattand ma jaghtux lok ghal thassir tas-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li tghid hekk:

Konsiderazzjoni.
1. Fl-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta li t-Tribunal ma esprimix ruħu fuq il-meritu u illimita ruħu biex jinvestiga u jiddeċiedi dwar l-element proċedurali ta' dixxiplina, u kkonkluda li kien hemm ksur tad-dritt ghal smigħ xieraq. Kompliet:
"Illi imkien mill-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultax li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni u kompetenza sabiex jiddetermina kwistjonijiet kostituzzjonali, jew jesprimi ruhu minn fuq tali materja, u dan salv ghall-materji li ghandhom x'jaqsmu ma' diskriminazzjoni, u dan dejjem fil-limitazzjonijiet li taghti l-istess Ligi".

2. Il-qorti tibda biex tosserva li ma taqbilx mar-ragunament li t-Tribunal iddetermina materja ta' natura kostituzzjonali, izda kkunsidra jekk il-principal kienx segwa l-procedura ta' dixxiplina kontemplata fil-kuntratt ta' impieg qabel kecca lill-impjegat. Il-kliem 'smigh xieraq' fil-parti dispozittiva tad-decizjoni jiftehmu b'dan il-mod wara li tqies x'qal it-Tribunal fil-parti tal-konsiderazzjoni.

3. Kif qal l-appellat hemm diversi sentenzi ta' din il-qorti li kkonfermaw li fejn il-prinċipal jkun keċċa mpjegat mingħajr ma jkun segwa proċeduri ta' dixxiplina kontemplati fi Ftehim Kollettiv, ikun jikkostitwixxi unfairness mal-impjegat li ma jistax jiġi njorat. Sentenzi li poggew lill-impjegat fl-istatus quo ante t-tkeċċija u fejn intqal li l-impjegat kellu jiġi sottomess għall proċeduri ta' dixxiplina kontemplati mill-Ftehim Kollettiv [Schembri vs Enemalta Corporation, tal-1 ta' Novembru, 2006; Silvio vs Corinthia Palace Hotel Company Limited, tas-27 ta' Frar 2009; Mifsud vs Malta Enterprise Corporation, tat-13 ta' Frar 2009; Montanaro vs Bay Street Complex Limited et, tat-13 ta' Marzu 2009].

4. It-Tribunal Industrijali ghandu l-gurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi:
"(a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija nġusta; u
(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu".

5. Skont artikolu 2 tal-Kap. 452, tkeċċija nġusta ta' haddiem, tfisser:
"(a) it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont id-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, jew
(b) li jkun sar bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew
(c) li, għalkemm isir minħabba redundancy jew għal raġuni xieraq, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu".

6. Mid-decizjoni li nghatat mit-Tribunal hu evidenti li ma ddeċidiex dwar jekk il-principal kellux raguni xierqa (good and sufficient cause) li jkecci lill-impjegat, u bbaza d-decizjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk il-principal segwiex il-procedura ta' dixxiplina kontemplata fil-kuntratt ta' impieg. It-Tribunal ikkonkluda li sehhet vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-impieg minhabba li l-principal ma segwiex il-procedura ta' dixxiplina kontemplata fil-kuntratt ta' impieg.

7. Klawzola 9 tal-kuntratt ta' impieg tistipula:

"Without prejudice to any other right or remedy allowed by Law to the Employer, the Employer shall have the right to terminate the employment of the Employee, in the event of any good and sufficient cause as detailed in Article 10 hereunder, justify such termination and in the case of proved non-performance or breach of this Agreement on the part of the Employee".
Imbaghad fi klawzola 10 hemm il-procedura ta' dixxiplina li l-principal ghandu jsegwi, u li evidentement ma segwix. Skont dik il-klawzola l-employer għandu dritt jissospendi lill-impjegat, għandu massimu ta' xahrejn biex jinvestiga l-każ, imbagħad jista' joħroġ akkuża bil-miktub u l-każ jiġi mismugħ minn bord tad-dixxiplina maħtur mill-employer.

8. Hu fatt li f'dan il-kaz it-Tribunal ma kkunsidrax il-kaz fis-sostanza. Dan hu l-ilment tal-appellanti fit-tieni aggravju. L-appellanti qeghda ssostni li t-Tribunal Industrijali ma setax jiddeciedi l-kaz minghajr ma jqies il-provi li tressqu dwar x'gara u c-cirkostanzi li wasslu lill-principal biex ikecci lill-appellat. Dan hu punt ta' ligi ghaliex l-ilment hu li t-Tribunal ma ddecidiex skont il-ligi. L-argument hu li f'dan il-kaz mill-provi jirrizulta li 'l fatt li l-principal ma segwiex il-procedura ta' dixxiplina ma kien ser jaghmel ebda differenza ghaliex l-impjegat kien ammetta 'l fatt li kienet ir-raguni ghalfejn tkecca mix-xoghol. Materja li t-Tribunal Industrijali ma kkunsidrax.

9. Ghalkemm f'Malta m'ghandniex kodici ta' prattika jew regolamentazzjoni dwar il-principju ta' procedural fairness qabel principal ikecci impjegat, u din hi lacuna serja f'dan il-qasam, fil-gurisprudenza hu accettat li qabel jitkecca l-impjegat ghandu jinghata l-opportunita li jinstema' u jipprezenta l-posizzjoni tieghu lill-principal irrispettivament x'jipprovdi l-kuntratt ta' impieg. Ezercizzju li f'dan il-kaz ma sarx minkejja li din il-materja kienet regolata mill-kuntratt ta' impieg. Il-principal kien konvint li l-appellat kien seraq oggetti li kienu proprjeta tal-klijent tal-kumpannija appellant. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-ittra datata 11 ta' Gunju, 2013 li biha s-socjeta appellanti tterminat l-impieg tal-appellat, wara li kkonkludiet li l-appellat kien ha oggetti mill-proprjeta ta' klijent taghha minghajr awtorizazzjoni.

10. Fi proceduri relatati ma' kazijiet ta' unfair dismissal hu mehtieg li jigi determinat:
i. X'kienet ir-raguni ghalfejn l-impjegat tkecca. Prova li ghandha ssir mill-principal;
ii. Jekk il-principal kienx ragonevoli fid-decizjoni li ha li jkecci lill-impjegat. Din hi materja ta' fatt li jrid jiddeciedi dwarha t-Tribunal. Fiha hemm inkluz il-konsiderazzjoni jekk il-principal kienx ragonevoli li jitratta r-raguni bhala raguni xierqa biex ikecci lill-impjegat u kienx ragonevoli li fic-cirkostanzi jiddeciedi li jkecci lill-impjegat.

11. Fil-fehma tal-qorti biex jigi determinat jekk it-tkeccija kinitx ingusta mhuwiex bizzejjed li jigi determinat biss jekk kienx hemm procedural fairness jew le fil-mod kif saret it-tkeccija. Il-qorti tfakkar li l-gurisdizjoni tat-Tribunal hi proprju li jiddetermina kienx hemm 'tkeccija ingusta' u mhux jekk kienx hemm breach of contract. Il-kazijiet li jisma' u jiddeciedi t-Tribunal mhumiex dwar wrongful dismissal, li jitrattaw ksur ta' kondizzjonijiet tal-kuntratt u fejn l-impjegat jista' jkollu rimedju differenti minn dak kontemplat fil-Kap. 452. Fil-fehma tal-qorti, ghal dak li jikkoncerna proceduri dwar allegat tkeccija ngusta, 'l fatt biss li l-

principal ma jkunx segwa procedura ta' dixxiplina stipulata f'kuntratt ta' impieg, wahedha ma tissarrafx bilfors fi tkeccija ingusta. Ovvjament hu mistenni minn principal li jonora l-obbligi kuntrattwali tal-impieg u b'hekk jimplimenta l-procedura ta' dixxiplina stipulata fil-kuntratt qabel jiddeciedi x'ghandu jaghmel. Pero' l-kwistjoni m'ghandhiex tigi rizolta mill-ligi tal-kuntratt. Kif rajna d-definizzjoni stess ta' tkeccija ingusta li (Kap. 452) tezigi li t-Tribunal Industrijali jiddeciedi dwar l-agir tal-impjegat. Hekk biss il-qorti tifhem il-kliem li tkeccija ngusta tfisser temm ta' impieg li ma "jsirx biss minhabba redundancy jew ghal raguni xierqa".

12. Madankollu jista' jkun li n-nuqqas li l-impjegat jinghata l-opportunita' biex jispjega ruhu dwar dak li jkun gara u jressaq il-kaz tieghu, twassal lit-Tribunal biex jikkonkuldi li kien hemm tkeccija ingusta. Dan ghaliex in-nuqqas jista' jwassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-principal ma kienx ragonevoli meta kkunsidra r-raguni ghat-tkeccija bhala raguni xierqa. Sabiex jigi determinat jekk tkeccija kinitx gusta, irid jigi determinat jekk id-decizjoni tal-principal kinitx ragonevoli fiz-zmien li ha d-decizjoni ta' tkeccija. Ghalhekk nuqqas procedurali hu wiehed mill-fatturi li t-Tribunal irid iqies meta jigi biex jiddetermina jekk id-decizjoni tal-principal kinitx ragonevoli. F'dak l-istadju t-Tribunal ghandu jiddetermina per ezempju n-natura u l-gravita tal-agir tal-impjegat li jkun wassal ghat-tkeccija; l-informazzjoni li fuqha bbaza d-decizjoni; u jekk kienx hemm iktar informazzjoni li l-principal seta' akkwista wkoll permezz tal-proceduri ta' dixxiplina.

13. Jista' jkun hemm kazijiet li fihom infushom 'il fatti tant huma cari li principal ragonevoli jista' a bazi ta' dawk 'il fatt maghrufa minnu fiz-zmien tat-tkeccija, jaddotta l-fehma li hi x'inhi l-ispjegazzjoni li jaghti impjegat, il-proceduri ta' dixxiplina mhuma ser jaghmlu l-ebda differenza fid-decizjoni finali tieghu. Hekk per ezempju jista' jkun li l-impjegat jammetti b'mod car mal-principal li jkun wettaq att ta' gross misconduct. Jista' mbaghad ikun hemm kazijiet fejn fiz-zmien tad-tkeccija ma kienx ragonevoli li l-principal ikecci lill-impjegat minghajr mal-impjegat jinghata l-opportunita biex jispjega, izda imbaghad minn provi li jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta li fil-fatt it-tkeccija kienet altru milli gustifikata. Il-qorti hi tal-fehma li f'dawk ic-cirkostanzi m'ghandux ikun li l-impjegat jirciev i kumpens ghat-tkeccija. Fil-fehma tal-qorti m'ghandux ikun li t-Tribunal Industrijali jikkumpensa lil min kien jimmerita tkeccija, ghas-semplici raguni li l-principal ma jkunx segwa procedura ta' dixxiplina.

14. Ovvjament fuq in-naha l-ohra hemm dawk il-kazijiet fejn ikun jidher li l-principal agixxa b'mod gust fid-decizjoni li jkecci lill-impjegat a bazi tal-fatti maghrufa minnu fiz-zmien tat-tkeccija, izda mbaghad minn fatti li jirrizultaw quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta li l-impjegat kien innocenti. F'dawk il-kazijiet in-nuqqas tal-principal li jsegwi l-procedura ta' dixxiplina ssir ferm rilevanti. Kieku jkun mod iehor ikun ifisser li impjegat innocenti m'ghandux mezz li bih jottjeni rimedju, u dan m'ghandux ikun. F'dak ix-xenarju d-decizjoni tal-principal li jkecci lill-impjegat minghajr ma jsegwi l-proceduri ta' dixxiplina, timpingi direttament fuq il-kwistjoni dwar jekk id-decizjoni ta' tkeccija kinitx ragonevoli fiz-zmien li ttiehdet.

15. F'dan il-kaz it-Tribunal Industrijali ma ezaminax il-meritu u bbaza d-decizjoni fuq 'il fatt biss li s-socjeta appellanti naqset milli ssegwi l-proceduri kontemplata fil-kuntratt ta' impieg. Imbaghad ikkundanna lis-socjeta appellanti sabiex terga' tpoggi lill-appellat fl-istatus quo ante b'sehh mill-11 ta' Gunju, 2013 u thallsu l-arretrati tal-pagi u hlasijiet statutorji "li akkumulaw fil-perjodu mid-data tal-licenzjament sad-data tal-ingagg mill-gdid, u jordna lill-kumpannija intimata li thallas tali arretrati ta' pagi f'pagament wiehed, bl-imghaxijiet mid-data ta' din id-decizjoni". Il-qorti tifhem li din l-ordni ma kinitx mistennija mill-appellat innifsu meta tqies li:

• Fir-rikors promotur li pprezenta fit-Tribunal Industrijali, l-appellat talab li jigi deciz li t-terminazzjoni tal-impieg kienet ingusta, u "…. Ghalhekk joghgbu jaghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni ai termini tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz l-ghoti ta' kumpens gust lir-rikorrenti". L-appellat ma talabx li jerga' jidhol fl-impieg li kellu jew li jerga' jigi mpjegat. Skont l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 hu fejn issir talba specifika mill-impjegat, li t-Tribunal jista' fid-diskrezzjoni tieghu jordna li l-impjegat jerga' jidhol fl-impieg (reinstated) jew jerga jigi impjegat (re-engaged).

• Waqt it-trattazzjoni li saret fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2014, id-difensur tal-appellat argumenta dwar ir-rimedju li kellu jinghata l-appellat:

"Il-kumpens ghandu jkun dak reali mela x'kien jaqla' l-klijent tieghi elfejn u tlett mija (2,300) jew elfejn u hames mija (2,500) fix-xahar skont il-payslips, skont il-kuntratt ezebit kemm dam bla xoghol cert ma rridx nizgwida ma qrajthiex ix-xhieda tieghu lbierah pero' jekk mhux sejjer zball xehed li dam tmien (8) xhur bla xoghol u dak ghandu jkun il-kakolu".

Kliem li juri bic-car li l-appellat kien qieghed jippretendi li jithallas kumpens u xejn iktar talli tkecca mill-impieg. Kien biss fl-istadju tal-appell li l-appellat beda jsostni dak li ddecieda t-Tribunal Industrijali cjoe' li kellu jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien qabel tkecca u jithallas lura l-arretrati kollha tal-paga u hlasijiet ohra statuorji.

16. Fic-cirkostanzi l-qorti ser thassar is-sentenza u tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex jiddeciedi bil-mod kif spjegat hawn fuq. It-Tribunal ghandu jikkunsidra wkoll il-kaz fil-meritu tieghu u mhux jibbaza d-decizjoni tieghu biss fuq jekk gietx segwita l-procedura ta' dixxiplina kontemplata fil-kuntratt ta' impieg.

Ghal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-24 ta' April, 2015 u tibghat l-atti lura quddiemu sabiex jiddeciedi l-kaz bil-mod kif spjegat hawn fuq.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet meqjusa il-materja deciza b'din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Qabel xejn il-Qorti tqis l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta Jani Limited illi r-ritrattazzjoni hi irritwali ghax is-sentenza ma tikkostitwix gudikat bejn il-partijiet bhala wahda bla bazi billi l-Qorti tal-Appell iddecidiet il-vertenza b'sentenza taghha skond l-artikolu 811 fejn hemm dritt ghal ritrattazzjoni skond ma jesigu s-subartikoli sussegwenti. L-artikolu 812 kwotat mir-ritrattat mhux applikabbli.

**Ritrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811(e)**

Hemm lok ghal ritrattazzjoni meta l-Qorti tkun applikat il-ligi hazina ghal kaz, cioe fejn il-Qorti tkun applikat dispozizzjoni ta' ligi flok ohra li kellha propjament tigi applikata. Inversament jekk il-Qorti tkun applikat il-ligi korretta ghal fatti tal-kaz ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni. Ma hemmx applikazzjoni hazina meta si tratta ta' interpretazzjoni tal-istess ligi applikabbli anki jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx ma' tali interpretazzjoni. Ir-ritrattand irid juri li l-Qorti applikat ligi hazina u mhux li applikat ligi tajba b'mod hazin.

Il-Qorti ma ghandhiex f'dawn ic-cirkostanzi terga' tezamina mill-gdid il-fatti tal-kaz jew jigu interpretati mill-gdid, izda trid tara jekk mill-fatti accertati gietx applikata ligi hazina.

Tradotti dawn il-principji ghal kaz ir-ritrattand isostni illi l-fatti gew riprodotti sew mill-Qort tal-Appell pero ippekkat fil-ligi senjatament meta ikkunsidrat li t-Tribunal kellu jqis jekk it-tkeccija kinitx ingusta u mhux li jiddetermina biss kienx hemm procedural fairness, peress li l-funzjoni tat-Tribunal hi li jiddetermina tkeccija ingusta u mhux breach of contract. In oltre applikat il-ligi hazin meta iccensurat lil Tribunal li ordna r-reinstatment tal-ritrattand fix-xoghol meta r-ritrattand ma talabx specifikament dan ir-rimedju a bazi tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452. In oltre l-Qorti fis-sentenza impunjata ma iddeterminat ebda punt ta' ligi kif irid l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452.

Ir-ritrattand isostni li t-Tribunal mhux prekluz milli jiddetermina jekk kuntratt ta' impjieg setax jigi miskur unilateralment u ghalhekk il-Qorti kellha tapplika l-artikoli 992 u 993 tal-Kap. 16 cioe li l-kuntratti ghandhom jigi ezegwiti in buona fede u illi l-kliem tal-kuntratt jikkostitwixxi rabta ta' ligi bejn il-partijiet. Dan hu principju applikat mit-Tribunal u l-Qorti, u l-Qorti tal-Appell iddecidiet hazin li ezawtorat lit-Tribunal milli jqis il-ligi generali tal-kuntratti u tippermetti principal jikser impunement kuntratt ta' impjieg. Ir-ritrattand jispjega wkoll illi l-Qorti iddecidiet hazin meta irreferiet ghall-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 ghax it-Tribunal iddecieda li l-impjegat jitqieghed fl-istatus qua ante li mhux ekwivalenti ghal reinstatement, u kellha tapplika l-artikolu 81(1)(a). Fl-ahhar il-Qorti tal-

Appell in kwantu it-tieni u t-tielet aggravju mressqa quddiemha ma iddecidietx punt ta' ligi, izda regghet iddeterminat il-fatt. Ii t-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu ghax il-kumpanija ritrattata ma osservatx il-proceduri ta' dixxiplina li kien hemm fil-kuntratt ta' impjieg, u regghet ikkunsidrat il-mertu. Il-Qorti kellha tiddetermina punt ta' ligi li ma jirrizultax mal-aggravju u mhux jekk it-Tribunal ghamilx indagini sew tal-kawza ta' licenzjament u kollox strah fuq il-klawsola tal-kuntratt dwar procedura d-dixxiplina jew jekk messux ra wkoll jekk it-tkeccija kinitx ingusta qabel ikkunsidra l-kwistjoni tal-klawsola kuntrattwali dwar il-procedura ta' dixxiplina fil-kuntratt ta' impjieg.

Dan l-aggravju jinqasam fi tlieta u din il-Qorti ma issibx li r-ritrattand hu gustifikat fis-sottomissjonijiet tieghu. L-artikolu 811(e) jippostula applikazzjoni hazina tal-ligi. Dak li qed jissottometti r-ritrattand fl-ewwel raguni tieghu f'dan l-aggravju hu illi l-Qorti tal-Appell messha applikat l-artikolu 992 u 993 tal-Kodici Civili. Harsa lejn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell pero juri illi hi hadet konjizzjoni tal-principji generali tal-kuntratti, ki inhuma r-regoli 992 u 993 tal-Kap. 16 pero qieset li fl-ambitu ta' tkeccija ingusta bazati fuq il-Kap. 452, it-Tribunal ma setax u ma messux qies biss klawsola procedurali fil-kuntratt ta' impjieg izda messu qies ukoll u dan b'mod approfondit ir-raguni ta' tkeccija, prova li ghandha issir mill-principal, u jekk din kinitx tikkostitwixxi raguni ingusta kif allegat mir-ritrattand u dan ai termini ta' dak li jrid il-Kap. 452 li t-Tribunal hu munit u ghandu gurisdizzjoni jiddetermina in linea ma' dak provdut fl-istess Kapitolu. Din hi materja mhux ta' applikazzjoni hazina ta' ligi izda ta' interpretazzjoni tal-ligi generali civili u dik marbuta mal-Kap. 452. Jaqbel u ma jaqbilx r-ritrattand mal-impostazzjoni tal-elementi legali u fattwali kif iridu u messhom gew applikati mit-Tribunal ma tikkostitwix applikazzjoni hazina izda interpretazzjoni differenti. Il-Qorti, kuntrarjament ghal dak sottomess ma znaturatx il-poteri tat-Tribunal izda idderigietu biex iqis kwistjoni quddiemu skond il-prioritajiet mistharga li jigu accertati mill-istess Tribunal.

It-tieni parti ta' dan l-aggravju jattakka l-applikazzjoni tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 applikat mill-Qorti tal-Appell ghax iqis li minflok kellu jigi applikat l-artikolu 81(1)(a). Hawn ukoll ir-ritrattand ma ghandux ragun. Il-Qorti tal-Appell qieset it-talba tar-ritrattand fejn hu ma talabx specifikament reinstatement jew

reengagement fit-talba quddiem it-Tribunal. Dan kien sostnut ukoll mit-trattazzjoni li saret quddiem it-Tribunal fejn intalab biss kumpens. Il-Qorti qieset li l-artikolu 81(2)(a) jipprospetta dan il-kaz cioe fejn ma hemmx talba specifika ghal reinstatement jew reengagement. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza impunjata applikat l-artikolu tal-ligi gust ghal fatti ippruvati u qieset li l-ordni tat-Tribunal fid-decizjoni ta' reengagement b'effett mill-11 ta' Gunju 2013 ma giex mitlub u ma setghax jigi akkordat mit-Tribunal ai termini tal-artikolu 81(1)(a) li jrid li biex jigi applikat ikun hemm talba specifika ghal reengagement jew reinstatement.

L-ahhar parti ta' dan l-aggravju hu ghal kollox infondat. Kif intwera aktar il-fuq il-Qorti tal-Appell qieset kwistjonijiet ta' ligi dwar l-applikazzjoni tal-Kap. 452 u l-artikoli rilevanti tieghu ghal kwistjoni mressqa quddiem it-Tribunal. Il-Qorti tal-Appell ma ikkunsidratx il-mertu tal-kwistjoni tant li baghtet l-atti biex il-kwistjoni tigi kunsidrata mill-gdid. Il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat jekk it-Tribunal setghax legalment jasal ghal konkluzjoni li wasal ibbazat biss fuq klawsola kuntrattwali li kienet tirregola procedura dwar kif jittiehdu passi dixxiplinari minghajr ma jitqies ukoll jekk it-tkeccija fiha nfisha kinitx ingusta kif mitlub u kif wara kollox irid il-Kap. 452. Qies ukoll li anki r-rimedji prevalenti kienu jesorbitaw il-poter tat-Tribunal meta ordna reinstatement jew reengagement meta dan ma kienx jifforma parti minn talba specifika tar-ritrattand. Dan zgur ma jikkostitwix applikazzjoni hazin tal-ligi izda fehma differenti dwar kif ghandu jigi interpretat il-Kap. 452.

**Rittrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811(i) tal-Kap. 12**

Ir-ritrattand qed jimpunja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ghax fiha dispozissjonijiet kontra xulxin. Kif inhu maghruf il-vizzju li qed jirraviza dan is-subinciz jrid jirrizulta f'kontradizzjoni fid-dispozittiv tas-sentenza mhux fil-kunsiderazzjonijiet. Il-kontradizzjoni trid tkun tali li tippregudika l-esekuzzjoni tas-sentenza b'mod li d-decizjoni ma tistax titqies ezegwibbli.

Ir-ritrattand isostni illi fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Qorti tal-Appell iddikjarat li ma taqbilx mal-ewwel aggravju tas-socjeta ritrattata pero fid-dispozittiv laqghet l-appell minghajr ma iddikjarat li qed tichad l-ewwel aggravju.

Din il-Qorti tqis illi dan l-aggravju wkoll hu infondat. Hu minnu illi l-ewwel aggravju ma giex michud esplicitament fid-dizpozittiv tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, pero ma jfissirx b'daqshekk illi hemm xi kontradizzjoni fid-dizpozittiv b'mod li s-sentenza mhix ezegwibbli. Qari tal-kunsiderazzjonijiet li waslu lil Qorti jhassru d-decizjoni tat-Tribunal kienu iffokati fuq it-tieni u t-tielet aggravji cioe n-nuqqas tat-Tribunal li jqis il-mertu tat-tkeccija cioe kinitx wahda ingusta ai termini tal-Kap. 452 u l-applikazzjoni korretta tal-artikolu 81(2). Ma jfissirx li l-Qorti tal-Appell ghandha tqis l-aggravju b'mod izolat izda ghandha tiddetermina hi jekk l-aggravju ghandux jigi milqugh izda ghal ragunijiet differenti minn dawk moghtija basta tali ragunijiet jaqghu fil-parametri tal-vertenza li qed tigi diskussa u ma jkunx qed tigi determinata kwistjoni li ma tqajmitx mill-partijiet u ma nghatawx il-fakulta li jikkonsidrawha u jissottomettu dwarha. Il-Qorti tal-Appell kienet cara f'dak li riedet lit-Tribunal isegwi bhala mod ta' kif jirrisolvi l-vertenza dwar tkecija allegatament ingusta u mhux jieqaf biss fuq kundizjonijiet ta' natura procedurali f'kuntratt ta' impjieg. B'zieda ma' din il-Qorti qieset ukoll jekk ir-rimedju kif moghti kienx wiehed permissibbli tenut kont tat-talbiet maghmula.

**Ritrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811(f) u (g) tal-Kap. 12**

Ir-ritrattand qed jimpunja s-sentenza ghax giet moghtija fuq haga mhix mitluba jew ikun gie moghti izjed minn dak mitlub. Il-Qorti tqis li biex din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni jekk is-sentenza hiex ultra jew extra petita trid fl-ewwel lok thares lejn id-dizpozittiv tas-sentenza. Il-motivazzjoni li waslet lil Qorti ghas-sentenza taghha ma ghandux jigi kunsidrat billi l-Qorti b'mod obiter setghet trattat kwistjonijiet li ghalkemm rilevanti pero jista' jkunu mhux strettament mitluba mill-atturi. Pero ghal fini tal-applikazzjoni tal-artikolu 811(f) u (g) dak li jrid jitqies hu jekk is-sentenza marritx il-barra jew oltre dak mitlub, ghax hu id-dizpozittiv tas-sentenza li jorbot lil partijiet fl-esekuzzjoni tal-istess sentenza. Ma irridux ninsew li l-artikolu 811 tal-Kap. 12 hu mezz straordinarju ta' ftuh mill-gdid ta' sentenza li ghandu jinghata applikazzjoni restrittiva hafna.

Il-Qorti qieset li r-ritrattand qed jibbaza dan l-aggravju fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet. Qed isostnu li flok iddecidiet l-aggravju, il-Qorti tal-Appell

iddecidiet fuq konsiderazzjonijiet li qajmet hi stess ghax ebda wiehed mill-argumenti mqajma mill-Qorti ma tqajjem fir-rikors tal-appell, tant hu hekk illi fid-decide l-Qorti tal-Appell flok laqghet l-aggravji tnejn u tlieta iddecidiet bil-kliem 'sa fejn kompatibbli ma' dak li inghad'. Hu fisser illi l-aggravji tar-ritrattat kienu tlieta, l-ewwel li t-Tribunal ezorbita l-kompetenza tieghu meta qies materja Kostituzzjonali ta' dritt ta' smigh xieraq; it-tieni illi hu inutili li r-ritrattand jitqieghed fl-istatus quo ante kif ordna t-Tribunal meta r-ritrattand ammetta l-fatt u kien inutili l-Bord ta' Dixxiplina biex jiddeciedi dan. Ir-ritrattand iqis dan l-aggravju bhal punt ta' fatt mhux ta' ligi u mhux sindikabbli mill-Qorti tal-Appell. L-argumenti mressqa mill-Qorti dwar artikolu 2 u 81 tal-Kap. 452 huma argumenti mqajma mill-Qorti wahedha. Fit-tielet aggravju r-ritrattat qajmet argument dwar l-ordni dwar hlas ta' paga li fi kwalunkwe kaz kellu jigi sospiz sakemm il-Bord ta' Dixxiplina jiddetermina l-htija o meno tar-ritrattand. Di piu l-ingagg mill-gdid ma kellux isir b'mod retroattiv u d-dritt ghal paga jissusisti skond id-determinazzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina. Finalment ir-ritrattand kellu jithallas nofs il-paga ghaliex kellu jitqies sospiz. Il-Qorti tal-Appell lanqas qieset dan l-aggravju. Hi l-fehma tar-ritrattand li effettivament il-Qorti tal-Appell qieset l-ewwel aggravju izda ma cahditux fid-decide.

Din il-Qorti tqis illi ghalkemm hu minnu illi l-Qorti tal-Appell ma cahditx l-ewwel aggravju fid-decide taghha pero fil-korp tas-sentenza taghha hu car illi l-ewwel aggravju ma kienx fih mertu. Din il-Qorti pero ma taqbilx mar-ritrattand illi l-Qorti marret oltre dak mitlub jew barra minn dak mitlub. Il-Qorti tal-Appell hi marbuta mal-aggravji mressqa u t-tieni aggravju maghmul b'mod mhux ghal kollox b'dicitura legali pero kien wiesa bizzejjed biex il-Qorti tal-Appell tiftah il-hsieb wara l-aggravju u tqis il-ligi applikabbli u tikunsidra l-vertenza mill-ottika tal-ligi tenut kont ta' dak li finalment kien qed jissottometti l-appellant. Dak li sostan l-appellant jekk wiehed jaghsar l-aggravju hu illi l-kundizzjoni fil-kuntratt ta' impjieg dwar il-procedura li kellha tintuza fejn ikun hemm kaz ta' dixxiplina kontra impjegat ma kellhiex titqies bhala 'the overriding consideration' kif maghmula mit-Tribunal, izda kellu jittiehed kont jekk fil-fatt kienx hemm tkeccija ingusta kif allegat mir-ritrattand ghax wara kollox dan kien il-pern tal-kwistjoni quddiem it-Tribunal. Il-Qorti tal-Appell ghamlet evalwazzjoni tal-Kap. 452 u dak li hu l-ispirtu wara l-ligi u l-funzjoni ahharija tat-Tribunal u waslet ghal

konkluzjoni li t-Tribunal kellu jqis, kif allega r-ritrattat fl-aggravju tal-appell, il-kwistjoni ta' tkeccija ingusta u mhux jikkampa fuq kwistjoni procedurali kontrattwali li ma issolvix il-vertenza proprja, cioe tkeccija ingusta. Ma hemm xejn ultra jew extra petita fil-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti tal-Appell u anqas fis-sentenza. Il-kliem fid-decide 'sa fejn kompatibbli' ma ghandux jitqies, kif jippretendi r-ritrattand, li l-Qorti kienet konxja li qed tiddeciedi fuq haga mhix mitluba jew izjed minn dak mitlub izda biss illi t-Tribunal kien qed jilqa' l-aggravju mhux fis-sens li qed jaqbel li kemm tkeccija gusta izda biss li t-Tribunal kellu jqis il-fatti li waslu ghat-tkeccija u jqis jekk it-tkeccija hiex gusta o meno. Hu halla dan il-kompitu f'idejn it-Tribunal, u kien kawt f'din il-parti tad-decide ghax l-aggravju ma kienx fis-sens li l-Qorti setghet tiddeciedi l-mertu hi meta lanqas it-Tribunal ma ghamlu. Ghalhekk il-Qorti hi konvinta li l-Qorti iddecidiet sew u in linea mat-tieni aggravju. Ghal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju r-ritrattand ibbaza ruhu fuq il-kumpens applikabbli skond artikolu 81(2) filwaqt li sahaq li t-Tribunal ma setghax jordna ingagg mill-gdid b'data lura. Il-Qorti tal-Appell, qablet li kien applikabbli l-artikolu 81(2) izda mhux ghar-raguni moghtija mir-ritrattand. Il-Qorti tal-Appell ghandha l-obbligu li tindirizza l-kwistjoni legali mill-ottika gusta taghha u tista' taqbel ma' appellant li l-aggravju jkun fondat izda mhux ghar-raguni minnu moghtija. Il-Qorti tal-Appell tkun qed tonqos jekk ma tindirizzax aggravju b'mod li taghti decizjoni li tkun legalment titqies gustifikata mill-Qorti. B'daqshekk ma jfissirx li l-Qorti tkun iddecidiet oltre jew barra minn dak mitlub izda biss li indirizzat u iddecidiet l-aggravju skond ma jidhrilha li kellha tigi applikata l-ligi.

Dawn kienu kollha punti ta' ligi mhux ta' fatt kif allegat mir-ritrattand. Dan jinghad kemm ghan-nuqqas tat-Tribunal li jindirizza l-kwistjoni mill-perspettiva legali gusta' u kemm dwar safejn seta' jaghti ordnijiet ibbazati fuq l-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 li fil-fehma tal-Qorti hu dak applikabbli f'kaz ta' ghoti ta' kumpens, liema kwistjoni xorta baqghet impregudikata sakemm tigi decizja l-vertenza mill-gdid quddiem it-Tribunal skond il-parametri mfassla mill-Qorti tal-Appell.

**Decide**

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ James Buhagiar biex thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-26 ta’ Jannar 2018.

Bl-ispejjez kontra r-ritrattand.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur